MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 100/2013

**Il-Professur Alfred Vella [I.D. 919150M],**

**l-Inginier Paul Cardona [I.D. 536249M] u**

**l-Kaptan Mario Grech [I.D. 15359G]**

**vs**

**(i) Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**u**

**(ii) Direttur Generali ghall-Qrati Gudizzjarji ta' Malta**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-1 ta’ Frar 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Illi huma kienu nkarigati bhala esperti teknici fl-inkjesta ordnata mill-Magistrat Inkwirenti, il-Magistrat illum Mhallef Dr. Noel Cuschieri in segwitu ghall-incident tragiku li kien sehh fis-sena 1995 meta waqt li kien qieghed fit-tarzna ta’ Malta, t-tanker taz-zejt* ***Um El Faroud*** *kien sploda u f’liema incident minbarra l-mewt ta’ diversi haddiema tat-tarzna li kienu qed jahdmu fuq l-istess vapur kienet giet ikkagunata hsara enormi fuq it-tanker tant illi dan spicca bla valur u llum jinsab mgharraq u qed jintuza bhala ‘wreck’ ghall-bughaddasa bhala ‘dive site’; Kienu wkoll gew ikkagunati hsarat fid-dintorni tat-tarzna kkagunati mill-isspluzjoni;*

*Illi bhala konsegwenza tal-isspluzjoni tal-vapur u ghall-ewwel darba fl-istorja gudizzjarja f’Malta il-Ministru responsabli ghat-Trasport taqsima tal-Malta Maritime Authority ta’ dak iz-zmien kien ordna li ssir inkjesta’ permezz tal-Ministeru tieghu fejn kienu gew innominati l-istess tlett esperti, l-atturi biex wara li jisimghu l-provi u jiehdu konjizzjoni ta’ dak kollu li kien mehtieg sabiex ikunu f’pozizzjoni sabiex jirrelataw fuq dan l-incident l-atturi hekk ghamlu permezz tar-rapport li huma ffinalizzaw u ghaddew lill-Awtorita’ kompetenti;*

*Illi inadempjenza tal-inkarigu lilhom moghti kemm mill-Magistrat Inkwisrenti u kemm mill-Ministeru tat-Transport l-esponenti kull wiehed ghamel mijiet ta’ sieghat sabiex waslu biex jirredigu r-rapport taghhom pero’ ghadhom sal-lum jistennew sabiex ikunu kkumpensati b’mod xieraq tax-xoghol professjonali minnhom imwettaq skont l-inkarigu minnhom moghti, nonostanti li ilhom snin jitolbu ghal dan il-kumpens sal-lum ghadhom ma thallsux;*

*Illi huma kienu dejjem mweghda mill-Awtoritajiet kompetenti fosthom il-konvenuti illi ta’ l-ahhar la kellhom il-hsieb u inqas u inqas l-intenzjoni illi jaharbu mill-obbligi taghhom illi jaghtu kumpens xieraq ghax-xoghol professjonali mwettaq minnhom pero’ gara illi dan l-ahhar il-kovenuti jew min minnhom kull ma ghamlu kien li offrew kumpens mizeru u mahdum fuq rata redikola ghas-sieghat li hadmu r-rikorrenti in adempiment tal-inkarigu lilhom moghti u minn fuq, anke din l-offerta mizera lilhom maghmula kienet ikkondizzjonata testwalment f’dawn il-kliem;* ***“TM offered an ex gratia payment on a without prejudice and full and final settlement basis...”*** *u permezz ta’ l-istess ittra tat-13 ta’ Settembru 2011, kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***<u>Dokument A</u>***, *komplew jitfghu melh fil-ferita meta fl-ahhar paragrafu ta’ l-istess ittra qalu hekk* ***“...it is imperative to understand that documents presently held by TM do not legally make it liable to pay your clients’ pretended fees hence the ex-gratia payment made on a totally without prejudice basis”*** *kliem dawn ta’ disprezz lejn ir-rikorrenti li gew umiljati billi gew ikkunsidrati donnhom qed jisirqu jew jittalbu ghall-karita’. L-ittra dokument B fuq imsemmija kienet b’risposta ghall-ittra dettaljata mibghuta mir-rikorrenti lill-Awtorita’ intimata fid-19 t’Awwissu 2011 u li fiha r-rikorrenti spjegaw x’kienu qed jitolbu u kemm u dana a basi ta’ dak li hu gust u ekwu u skont l-istess rati ta’ kull siegha*

*li l-Awtorita' intimata kienet accettat li thallas u attwalment halest lir-rikorrenti fuq xoghol simili u fuq inkarigu taghha stess; din l-ittra hawn annessa qed tigi mmarkata bhala* ***Dokument B;***

*Illi in segwitu ghal dan l-iskambju ta' korrispondenza r-rikorrenti ghamlu hilithom biex jippruvaw jaslu f'kompromess kemm ma' l-intimat Direttur Generali kif ukoll ma' l-Awtorita' intimata tramite terzi persuni u kienu wkoll lesti jirrevedu l-isfel l-"hourly rate" li kienu qed jippretendu li a basi taghha kellhom jithallsu u liema rata kienet r-rata normalment mitluba minn esperti professjonisti f'kazi simili, l-intimati ma ghamlu prattikament xejn sabiex jaslu bir-rizultat illi llum mad-19-il sena minn meta r-rikorrenti espletaw l-inkarigu lilhom moghti ghadhom ma rcevew xejn;*

*Illi r-rikorrenti, in ottemporanza mall-provvedimenti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienu permezz ta' ittra ufficjali minnhom mibghuta lill-intimati fit-8 ta' Novembru 2012, ghal-liema ittra nghataw risposta xotta xotta minghand l-Avukat Generali fejn gew infurmati illi l-intimati kienu qed jirrespingu "kull pretenzjoni vantata minnkom fil-fatt u fid-dritt..." u biex titkattar l-umiljazzjoni illi l-Awtoritajiet kompetenti xtaqu jkomplu jipperpetwaw kontra r-rikorrenti, spiccaw ir-risposta taghhom bil-kliem "ghaldaqstant qieghed jiddifidawkom milli tkomplu bi proceduri ulterjuri."*

*Illi in vista ta' dan l-attegjament inkredibli da parti tal-intimati, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda triq ohra hlief li jinizzjaw dawn il-proceduri.*

Għaldaqstant, l-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-intimati huma responsabbli sabiex ihallsu, lil kull wiehed mir-rikorrenti ghas-servizzi professjonali li nkarigaw li jaghmlu r-rikorrenti liema inkarigu kellu jigi kkonpensat b'mod gust u ekwu;*

*2. Tillikwida l-ammont dovut lil kull wiehed mir-rikorrenti minn kull wiehed mill-intimati wara li jittiehed qies mhux biss tas-sieghat illi ghamlu r-rikorrenti in adempiment tal-inkarigu lilhom moghti inkluz ix-xoghol konsistenti fost affarijiet ohra f'diversi accessi fuq l-imsemmi vapur u fil-bacir f'perikolu u sogru kbir ghall-hajjithom jew ghall-inkolumita' taghhom, f'hinijiet u kundizzjonijiet skabruzi u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Konsegwentament tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kull wiehed dik is-somma li tigi hekk illikwidata;*

*4. Tistabilixxi wkoll data li ghandha tkun qrib hafna tad-data li fiha r-rikorrenti espletaw l-inkarigu taghhom billi prezentaw ir-rapport minnhom redatt liema data tista' anke tkun dik ta' meta r-rapport taghhom gie pprezentat lill-intimati u tordna illi minn dik id-data kwalunkwe ammont li jigi talvolta likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti bhala kumpens dovut lil kull wiehed mill-intimati tinkorri l-ghola mghaxijiet permessi mil-ligi liema interessi din il-Qorti qed tintalab tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti piu' l-ammont talvolta tillikwida.*

Permezz ta' risposta prezentata fil-25 ta' Frar 2013, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta wiegbet:-

1. *Illi preliminarjament, l-Awtorita' esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur ghall-pretensjonijiet tal-atturi.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost billi jidher illi l-atturi gew inkarigati mill-Magistrat inkwirenti fil-kuntest ta' inkjesta magisterjali, l-ammonti semmai dovuti ghandhom ikunu skont tariff ufficjali tal-Qorti u mhux abbazi ta' hourly rate deciza unilateralment mill-atturi wara illi pprestaw is-servizz taghhom.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid issir prova tax-xoghol li sar mill-atturi.*
4. *Illi r-raba' talba, li tirrigwarda specifikament l-interessi, ghandha tigi michuda inter alia stante illi l-ammonti pretizi huma da liquidarsi.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-13 ta' Marzu 2013, id-Direttur Generali ghall-Qrati Gudizzjarji ta' Malta wiegeb:-

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti jirrileva illi huwa mhuwiex il-Legittimu kontradittur.*

*2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju t-talba attrici hija perenta in kwantu hija palesement preskritta ai termini tal-artikolu 2149(C) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju, dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedent ma jigux akkolti il-kwistjoni mertu ta' din il-vertenza tinsab gja definittivament determinata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' decizjoni datata 5 ta' Jannar 1996 permezz ta' liema llikwidat l-ammont dovut lill-atturi ghax-xoghol taghhom fl-ammont ta' €3494.06 (Lm 1,500) kull wiehed **(Dok A)**.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li jithallsu dritt ghax-xoghol li sar bhala esperti fil-kaz tal-bastiment Um El Faroud li sehh gewwa t-Tarzna fl-1995. L-atturi:-

1. Professur Alfred Vella u l-Inginier Paul Cardona kienu nhatru mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala esperti fl-inkjesta ordnata mill-Magistrat Inkwirenti u f'inkjesta marittima li saret skond l-Artikolu 314 tal-Att dwar il-Bastiment Merkantili (Kap. 234). Jirrizulta li l-Ministru ghat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknologija[1] kien ordna li ssir inkjesta fit-termini ta' dak il-provvediment. Kien

[1] *Dak iz-zmien kien responsabbli ghal dan is-settur.*

ghalhekk li Carmel Vassallo[2] pprezenta rikors (fol. 25) fejn talab lill-Qorti tal-Magistrati biex taghmel stharrig formali. B'digriet tal-4 ta' Frar 1995 il-qorti laqghet it-talba u ordnat li ssir inkjesta marittima u fl-istess digriet hatret l-esperti (ara digriet fol. 26)[3]. In vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 314(4)[4], gialadarba saret l-inkjesta marittima ma jidhirx li kien hemm htiega tal-inkjesta ordnata mill-Magistrat Inkwirenti. Teknikament jidher li l-inkjesta tal-Magistrat Inkwirenti nfethet qabel l-inkjesta marittima, peress li l-incident sehh fit-3 ta' Frar 1995. Madankollu mill-provi jirrizulta li dak li sar kien fl-inkjesta marittima u eventwalment l-istess materjal intuza ghal finijiet tal-inkjesta tal-Magistrat Inkwirenti.

2. Kaptan Mario Grech kien inhatar bhala espert fl-inkjesta marittima.

L-atturi huma tlett professjonisti li sal-lum ghadhom ma thallsux id-dritt ghax-xoghol li ghamlu relatat mad-disgrazzja tal-bastiment Um El Faroud. Fatt li fil-fehma tal-qorti ma jaghmilx gieh lill-awtoritajiet ikkoncernati. L-atturi taw servizz professjonali f'cirkostanzi ferm difficli u perikoluzi minghajr ma qaghadu jqiesu l-interessi personali taghhom. Professjonist li jaghti dan it-tip ta' servizz ghandu jinghata r-rispett li jisthoqqlu. Mill-atti stess hu altru milli evidenti li l-inkjesta marittima fissret sighat twal ta' xoghol. Huma ftit dawk il-professjonisti li huma disposti li jiddedikaw il-hin u l-energija ghal xoghol tat-tip li wettqu l-atturi, u dan a skapitu ta' xoghol iehor li jhallas ferm iktar. Dan apparti li f'Malta mhu facli xejn li ssib nies bl-esperjenza li ghandhom l-atturi. Hu f'dan il-kuntest li l-qorti hi tal-fehma li dan il-kaz qatt ma kellu jispicca l-qorti, u wara dawn is-snin kollha l-awtoritajiet ikkoncernati messhom waslu f'arrangament decenti mal-atturi. Bir-ragun li l-atturi jhossuhom deluzi bil-mod amatorjali li bih gew trattati. Madankollu l-qorti hi kostretta tapplika l-ligi, irrispettivament ta' x'inhi l-fehma taghha dwar id-dritt intaxxat mill-Qorti tal-Magistrati.

Hu veru li l-esperti ma nhatrux mill-Ministru responsabbli ghall-bastimenti u wisq inqas minn Carmel Vassallo. Il-qorti fehemet li l-inkjest marittima saret fuq ordni tal-Ministru responsabbli ghall-bastiment. Inoltre, skond l-Artikolu 315(6) tal-Kap. 234:

*"Wara li tisma' l-kaz, il-qorti* ***ghandha taghmel rapport lill-Ministru*** *li jkun fih dikjarazzjoni shiha tal-kaz u tal-fehma tal-qorti fuqu, flimkien ma' dak ir-rapport fuq, jew estratti mix-xhieda, u dawk l-osservazzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa".*

[2] Il-qorti fehemet li Carmel Vassallo kien nominat mill-Ministru reponsabbli ghal finijiet tal-inkjesta.

[3] Skond l-Artikolu 314(1), meta jsir rikors sabiex isir stharrig formali ta' disgrazzja dwar bastiment, il-qorti hi **kostretta bil-ligi** li taghmel dak l-istharrig. Tant hu hekk li f'dan il-provvediment jinghad li meta jsir rikors *".... dik il-qorti ghandha taghmel stharrig formali".*

[4] *"(4) Meta jsir stharrig formali skond din it-Taqsima ta' dan l-Att fuq xi kwistjoni li dwarha jkollha ssir inkjesta skond il-Kodici Kriminali, id-disposizzjonjiet ta' dak il-Kodici dwarha ghandhom jitqiesu li gew imharsa".*

Fil-fehma tal-qorti gialadarba l-istharrig formali dwar disgrazzja sar fuq ordni tal-Ministru, l-esperti kellhom jithallsu mill-Ministru responsabbli ghall-bastimenti. Kieku ma kienx hemm l-ordni tal-Ministru, l-istharrig formali ma sarx. Hu minnu li fir-rapport il-Qorti tal-Magistrati ordnat kif ghandhom jitqassmu l-ispejjez (ara fol. 148). Madankollu din il-qorti ma tippretendix li l-esperti kellhom joqghodu jigru wara t-terzi li ssemmew fir-rapport, biex jithallsu d-dritt. L-atturi qatt ma kellhom relazzjoni ma' dawk il-persuni u l-kaz ma kienx kawza kawza bejn il-privat.

Skond l-Artikolu 315(9) tal-istess ligi jipprovdi:

*"Id-drittijiet imhallsa lill-esperti jkunu* ***dawk preskritti mill-Ministru fir-regoli maghmula skond din it-Taqsima ta' dan l-Att dwar stharrig formali****".*

F'regola 11 tal-Avviz Legali 94 ta' l-1974 [Regoli ta' l-1974 dwar il-Bastiment Merkantili (Disgrazzji) li dahlu fis-sehh fit-13 ta' Awissu 1974] jinghad:-

***"Id-drittijiet li ghandhom jithallsu lill-esperti nominati taht ir-regola 10 ta' dawn ir-regoli ghandhom jigu stabbiliti mill-Qorti, wara li tqis ix-xoghol li jkunu ghamlu"****.*

Fl-Avviz Legali jinghad li 'Qorti' tfisser il-Qorti tal-Magistrati.

L-atturi Cardona u Vella jippretendu hlas ta' €58.23 ghal kull siegha xoghol. Fir-rendikont li pprezentaw qalu li hadmu 400 siegha, total ta' €23,292. L-attur Grech jippretendi l-istess rata ta' hlas u qal li ghamel 265 siegha, total ta' €15,430.

Mill-provi rrizulta li fil-5 ta' Jannar 1996 il-Qorti tal-Magistrati kienet iffissat dritt ta' Lm1,500 ghal kull espert (fol. 24). L-attur Cardona qal li ma kienx gie nfurmat bid-dritt li ntaxxat il-qorti (fol. 258) u li eventwalment sar jaf biha snin wara minghand l-avukat li qieghed jassistih[5]. Min-naha l-ohra l-attur Vella qal li kien prezenti meta gie ntaxxat id-dritt, izda

[5] Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2014 xehed: *"Jien u l-Profs Vella ma niltaqghux. Ghalhekk ma nafx kif seta' semmieha illi l-Magistrat intaxxalna dan id-dritt. Pero' jiena ma niftakarx, anke jekk qatt qalli. Jiena bqajt incempel lil Lino Vassallo. Kien ighidli: 'Paul dik qeghda fuq mohhi, ghalissa ma nista' naghmel xejn. Mhux qabel jinqata' l-appell. Ma nistax neskludi li jiena gejn infurmat mill-Profs. Vella bid-dritt li ntaxxa l-Magistrat. Pero' ghaliex, kif ghidt, jiena ma niftakarx"* (fol. 292).

ghazel li ma jitkellimx[6]. Ma rrizultax jekk l-attur Grech kienx jaf bid-dritt stabbilit mill-qorti. Il-qorti ssibha difficli temmen li l-atturi ma tkellmux bejniethom dwar it-taxxa li ffissat il-Qorti tal-Magistrati. F'kull kaz il-qorti hi tal-fehma li ma tistax tiskarta d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), li skond il-ligi hi l-awtorita li ghandha tiffissa d-dritt tal-esperti. L-Imhallef Noel Cuschieri kien f'dak iz-zmien il-Magistrat li ppresjeda l-inkjesta marittima. Meta xehed ikkonferma li ntaxxa d-dritt tal-esperti fl-ammont ta' Lm1,500 ghal kull wiehed. Qal li *"... bhala inkjesta ghamilna b'kollox hdax-il xahar. Seduti, anzi nghid granet shah, fejn ahna konna qeghdin nisimghu x-xhieda. Niftakar li matul dan il-perjodu pero kien hemm xahar minnhom meta l-inginier Cardona kellu bzonn isiefer fuq xoghol u ghalhekk ma sarux seduti. Illum il-gurnata ma nistax niftakar id-dettalji relatati ma' dak id-digriet li tajt jien ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' tassazzjoni"* (fol. 296B). Fil-fehma tal-qorti ghal finijiet ta' ntaxxar hu mehtieg li l-espert jaghti rendikont dettaljat tax-xoghol li jkun ghamel u fejn ikun hemm bzonn jaghti spjegazzjoni lill-qorti. Ma jirrizultax jekk f'dan il-kaz sarx dan l-ezercizzju qabel il-Qorti tal-Magistrati ffissat id-dritt tal-esperti, ghalkemm *prima facie* jidher li ma sarx. Ir-regola 11 taghmel sens in kwantu fil-principju m'hemm hadd ahjar biex jintaxxa d-dritt tal-esperti mill-qorti presjeduta mill-Magistrat li jkun ha sehem attiv fl-istharrig formali. Pero biex taxxa tkun gusta, gialadarba m'hemmx tariffi stabbiliti, hemm bzonn li l-espert jaghti taghrif dwar ix-xoghol kollu li jkun ghamel. F'kaz kumpless bhad-disgrazza tal-Um El Faroud hafna mix-xoghol tal-esperti ikun sar minn wara l-kwinti. Xoghol li ghalkemm ma jkunx jidher kif jidhru s-seduti u l-accessi, ikun effettivament sar. Ir-rizultat ta' dak ix-xoghol huma fil-fatt ir-rapporti teknici li saru mill-atturi. F'dan ir-rigward wiehed jista' jikkonkludi li l-atturi ghandhom ragun jilmentaw ghalkemm il-qorti ma tifhimx kif hallew dawn is-snin kollha jghaddu. Per ezempju fil-kaz tal-Professur Vella m'hemmx dubju li kien jaf bid-dritt li ffissat il-Qorti tal-Magistrati, u ghalkemm qal li ma kienx kuntent b'danakollu baqa' ma kkontestax dik id-decizjoni[7]. F'kull kaz l-ghan wara din il-kawza m'huwiex l-istharrig tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li ffissat dritt ta' Lm1,500 ghal kull espert. Tant hu hekk li fil-premessi tar-rikors guramentat ma tissemmix. Ghalkemm qabel ipprezentaw il-kawza l-atturi kienu jafu bit-taxxa li nharget mill-Qorti tal-Magistrati[8], fir-rikors guramentat l-atturi ma talbux li tithassar it-taxxa tal-Qorti tal-Magistrati. Tajjeb jew hazin it-taxxa ffissat mill-Qorti tal-Magistrati hi fiha nnifisha decizjoni li bil-mod kif gie proposta l-kawza din il-qorti ma tistax tiskarta kif propost mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw[9].

---

[6] *"Nikkonferma li ahna konna fis-sigrieta tal-Magistrat Cuschieri meta ghmalilna t-taxxa. M'iniex cert jekk prezenti wkoll kienx hemm l-Inginier Cardona u lanqas m'jien cert kienx prezenti l-Kaptan Grech. Lill-Magistrat Cuschieri jien qatt ma kellimtu dwarha"* (fol. 290).

[7] Sahansitra fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2013 xehed li: *"Il-Magistrat qabad il-figura ta' Lm1,500 mill-arja* ***fil-presenza tieghi u ta' shabi l-ohra****"* (fol. 254).

[8] Irrispettivament meta saru jafu.

[9] F'paragrafu 4 qalu li *".... l-ammont dovut lil kull espert kif stabbilit mill-Magistrat Cuschieri ghandu jigi mwarrab minn dil-Qorti li ghandha hi tahdem id-dritt li ghandu jkun dovut lill-esponenti billi llum ghandha dettalji shah tas-sighat li dan ix-xoghol ried biex imbaghad saru z-zewg relazzjonijiet in kwistjoni"* (fol. 414).

Jirrizulta li min-naha ta' Transport Malta ma tat l-ebda nkarigu lill-atturi. Madankollu kienet accettat li thallas lill-atturi ghas-servizz li taw fl-inkjesta marittima. Fil-fatt f'email datata 17 ta' Gunju 2011 mibghuta minn Joseph Degabriele[10] lill-attur Cardona, inghad:

*"Dear Paul,*

*Further to our telephone conversation last Wednesday we are pleased to confirm that* ***the Board has <u>in principle</u> approved compensation for your work during the enquiry in relation to the accident on UM El Faroud****.*

*Accordingly, kindly forward contact details of Profs Vella, Mr Gatt and Mr Grech so that we can communicate the details.*

*Finally may I take the opportunity to thank you and your colleagues for your effort and valuable input during this investigation"* (fol. 250).

Imkien ma nghad li l-hlas ser isir *ex gratia* jew li dik id-dikjarazzjoni qeghda ssir bla pregudizzju. Kien biss f'ittra legali datata 13 ta' Settembru 2011 (fol. 6) li ssemma dak 'il fatt. Ghall-qorti d-dikjarazzjoni li saret fid-dokument a fol. 250 hi fiha nnifisha obbligazzjoni li assumiet l-Awtorita li thallas lill-konvenuti. Pero' min-naha l-ohra m'hemmx prova li sehh xi ftehim dwar il-kumpens li kellu jithallas. Tant hu hekk li fl-email ta' Degabriele nghad ***"in principle"***. Dikjarazzjoni li ghall-qorti tfisser li l-Awtorita ma kkommetietx ruhha li ser thallas l-ammont pretiz mill-atturi u wisq anqas minn xi hadd iehor. F'dan il-kuntest wiehed ma jridx jinsa li l-Awtorita ma kenitx il-persuna li kellha l-obbligu li thallas id-dritt tal-atturi gialadarba l-inkjesta ma gietx ordnata minnha. Madankollu iddikjarat li hi disposta li thallas lill-atturi kumpens ghax-xoghol li ghamlu. Permezz ta' ittri datati 15 ta' Lulju 2011 l-atturi Cardona u Vella gew offruti s-somma ta' €5,658.90, kull wiehed (fol. 298 u 300) filwaqt li l-attur Gatt gie offrut is-somma ta' €4,353 (fol. 301). Offerta li hadd minnhom m'accetta.

L-atturi jippretendu li d-dritt dovut lilhom ghandu jigi likwidat mill-qorti ftit inqas minn ghoxrin (20) sena wara li sehh il-kaz. Skartaw ghal kollox li f'inkjesta marittima li ssir skond l-Artikolu 316 tal-Kap. 234, hi l-Qorti tal-Magistrati li tiffissa d-dritt tal-esperti. Dritt li gie stabbilit fis-sena 1996. Hu veru li l-atturi ma jaqblux mad-decizjoni tal-qorti, tant li l-attur Cardona ddeskriva d-dritt li ffissat il-qorti bhala *'insult'*. Madankollu l-kawza in ezami ma saritx biex tigi mistharrga d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Tant hu hekk li ma saret l-ebda talba biex il-qorti thassar id-decizjoni tal-5 ta' Jannar 1996. Din il-qorti ma tistax taqbad

[10] Chief Operations Officer mal-Awtorita konvenuta.

taghlaq ghajnejha u minn jeddha tiffissa d-dritt li jidhrilha li hu xieraq li ghandhom jithallsu l-atturi, irrispettivament ta’ x’inhi l-fehma taghha dwar id-dritt stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati. Diment li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tibqa’ fis-sehh, tibqa’ torbot. It-taxxa nharget mill-qorti kompetenti.

Ghal dak li jikkoncerna d-Direttur Generali (Qrati), il-qorti tosserva li:-

i. Fir-rigward tal-inkjesta marittima, m’huwiex il-legittimu kontradittur gialadarba ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dak il-kaz. Inoltre, l-intaxxar ta’ drittijiet tal-esperti jsir mill-qorti (regola 11 tal-Avviz Legali 94 tal-1974). F’kull kaz id-dmirijiet tad-Direttur Generali (Qrati) ma jinkludix intaxxar ta’ drittijiet ta’ esperti nominati mill-qorti (ara regola 3 tal-Ligi Sussidjarja 12.21);
ii. Fir-rigward tal-inkjesta magisterjali, hawn ukoll id-Direttur Generali (Qrati) m’ghandu x’jaqsam xejn. L-intaxxar ta’ drittijiet isir mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali. Ma jirrizultax li l-atturi Cardona u Vella talbu lir-Registratur sabiex jintaxxa d-drittijiet taghhom fir-rigward tal-inkjesta ordnata mill-Magistrat Inkwirenti;
iii. F’kull kaz l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li huma preskritti b’sentejn *"l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u* ***persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra****, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu"*. L-atturi pproponew kawza biex jithallsu dritt tas-servizz professjonali li taw meta nhatru bhala esperti fl-inkjesta marittima. L-Artikolu 2149(c) ma jaghmel ebda distinzjoni jekk id-dritt huwiex minhabba servizz li jinghata direttament lill-klijent jew wara nomina bhala espert. Fiz-zewg kazijiet il-persuna tkun qeghda tezercita l-professjoni taghha. L-inginier Cardona pprezenta r-rapport u kkonfermah bil-gurament fl-20 ta’ Frar 1996 (fol. 312), filwaqt li l-Professur Vella ipprezentah fl-istess gurnata. Jirrizulta wkoll li b’digriet moghti fil-5 ta’ Jannar 1996 (fol. 309), il-Magistrat Inkwirenti ordna li kopja tar-rapporti tal-esperti Professur Alfred Vella u l-Inginier Paul Cardona li saru fl-inkjesta marittima, jitpoggew fil-process tal-inkjesta. L-atturi pprezentaw il-kawza fl-1 ta’ Frar 2013, cjoe’ tmintax-il sena wara li nghalqet l-inkjesta tal-Magistrat Inkwirenti. Jidher ghalhekk li t-tieni eccezzjoni ghandha mis-sewwa.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali (Qrati).**
2. **Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tad-Direttur Generali (Qrati).**
3. **Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tad-Direttur Generali (Qrati) tiddikjara li d-dritt stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati kien biss dwar l-**

**inkjesta marittima u m'ghandha x'taqsam xejn mal-inkjesta magisterjali li ssir skond il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali.**

4. **Tichad it-talbiet fil-konfront tad-Driettur Generali (Qrati).**
5. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta l-ohra.**
6. **Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tiddikjara li d-dritt li l-atturi ghandhom jithallsu minghand l-Awtorita konvenuta hu fir-rigward tal-inkjesta marittima li saret skond il-provvedimenti fuq imsemmija tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234). Dritt li jigi stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati u m'hemmx tariffi ufficjali li jirregolawh. Min-naha l-ohra tikkonferma li l-esperti li jinhatru mill-qorti m'ghandhomx jedd li unilaterlament jiffissaw id-dritt li ghandu jithallas lilhom ghas-servizz li jkunu taw (regola 11 tal-Avviz Legali 94 tas-sena 1974).**
7. **Fir-rigward tal-ewwel talba tillimita ruhha biex tghid li l-Awtorita konvenuta ghandha obbligu li thallas l-ammont ntaxxat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).**
8. **Tichad it-tieni talba gialadarba d-dritt tal-atturi gie ntaxxat mill-qorti kompetenti.**
9. **Tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas id-dritt stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati u cjoe' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) lil kull wiehed mill-atturi.**
10. **Tikkundanna lill-Awtorita' thallas l-imghax fuq l-ammont b'effett mill-5 ta' Jannar 1996[11] sad-data tal-hlas effettiv. Ghalhekk tichad ir-raba' eccezzjoni tal-Awtorita.**

**Spejjez tad-Direttur Generali (Qrati) a karigu tal-atturi. Ghal kumplament kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha, mehud in konsiderazzjoni li l-atturi kienu qeghdin jippretendu ammont ta' flus iktar minn dak intaxxat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Awtorita' kienet qeghda ssostni li m'hijiex il-legittimu kontradittur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] Id-data li gie ntaxxat id-dritt tal-atturi. Ghalkemm l-atturi talbu li l-qorti tillikwida d-dritt dovut lilhom, id-dritt ilu ntaxxat mis-sena 1996. Is-somma hi determinata. Ladarba l-Awtorita accettat li tikkumpensa lill-atturi, ghandha l-obbligu li thallas ukoll l-imghax.